# FIL-QORTI ĊIVILI
# SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum, l-Erbgħa, 5 ta' Frar 2025**

**RIKORS NRU: 91/2024 ISB**

**Lidl Immobiliare Malta Limited (C36321) u**

**Lidl Malta Limited (C36317)**

**Vs**

**Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) fi ħdan l-Awtorita' ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA)**

**DIGRIET MOGĦTI IN CAMERA GĦAR-RIKORS TA' MELCHIOR VELLA NOE TAL-10 TA' JANNAR 2025 FEJN IL-QORTI NTALBET TISSOPPRASSJEDI PENDENTI L-EŻITU TA' PROĊEDURI OĦRA**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Melchior Vella fil-kapaċita' tieghu ta' Aġent Direttur Ġenerali fir-Rigward tar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet, responsabbli għad-Direttorat dwar Swieq Primarji, Industrijali u bl-Imnut tal-10 ta' Jannar 2025;

Rat il-verbal tas-seduta miżmuma dakinhar stess fl-10 ta' Jannar 2025;

Rat ir-Risposta tas-soċjetajiet LIDL Immobiliare Malta Limited u LIDL Malta Limited (aktar l-quddiem msejħa "s-soċjetajiet LIDL") tat-30 ta' Jannar 2025;

Rat illi mill-verbal tas-seduta tal-10 ta' Jannar 2025 jirriżulta illi din il-Qorti ssosspondiet kwalsiasi ġbir ta' provi ulterjuri tal-partijiet, bil-għan illi jiġi deċiż dan ir-rikors, u rrizervat illi tirrikjama l-kawża għal kwalsiasi trattazzjoni tal-partijiet fir-rigward tar-rikors jekk tħoss opportun;

Rat illi bl-atti li għandha quddiemha, il-Qorti tħoss illi tista' tasal għad-deċiżjoni tagħha dwar it-talba għas-soprasessjoni u għalhekk ma tarax il-ħtiega illi tirrikjama l-kawża iżda qed tgħaddi biex tiddegreta dwar l-istess talba magħmula.

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz tar-rikors tiegħu, **Melchior Vella** fil-kapaċita' tieghu ta' Aġent Direttur Ġenerali fir-Rigward tar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet, responsabbli għad-Direttorat dwar Swieq Primarji, Industrijali u bl-Imnut, qiegħed jitlob għas-soprasessjoni tal-proċeduri odjerni sakem tiġi deċiża kawża pendenti quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili bejn **Lidl Immobiliare Malta Limited u Said Investments Limited u Scotts Limited** ntavolata fit-12 ta' Diċembru 2024 - u dan peress illi d-deċiżjoni f'dik il-kawża taffettwa direttament il-mertu u l-eżitu tal-kawża odjerna in kwantu illi hija relatata espressament u direttament mal-konċentrazzjoni mertu tal-proċeduri li wasslu għal dan l-appell.

In suċċinct, ir-rikorrent isostni din it-talba billi jgħid illi l-kawża quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili 1367/2024AF hija waħda fejn is-soċjetajiet LIDL qed jitlobu l-Qorti tikkonferma d-dritt tagħhom li jakkwistaw il-fond mertu ta' dawn il-proċeduri, bil-konsegwenza illi jekk is-soċjetajiet LIDL jitilfu dawk il-proċeduri, allura jkun ifisser illi l-konvenju bejn il-partijiet (LIDL u SAID/SCOTTS) ikun waqa' u s-soċjetajiet LIDL jitilfu l-interess ġuridiku

f'dawn l-odjerni proċeduri peress illi jkunu tilfu l-jeddijiet tagħhom naxxenti mill-konvenju relatat mal-konċentrazzjoni mertu ta' dawn il-proċeduri.

Is-soċjetajiet LIDL irrispondew u opponew għal din it-talba u ressqu l-quddiem kemm raġunijiet fattwali u oħrajn legali.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi dwar l-istitut tas-soprasessjoni, intqal hekk fis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili tat-30 ta' Jannar 2025 fl-ismijiet **Pity's Rent a Car Limited et vs Louis Scicluna et (Rikors Nru. 546/2024JVC)** :

> *Illi, normalment fis-sistema proċedurali nostrana, l-eċċezzjoni li titlob it-twaqqif ta' smigħ tal-kawża sakemm tinqata' oħra li tkun marbuta magħha hija msejsa fuq dak li jipprovdi l-Artikolu 793 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 talLiġijiet ta' Malta) li jitkellem dwar Konnessjoni ta' kawża ma' oħra, jiddisponi:*
>
> > *'Meta bejn żewġ kawżi jew iżjed imressqin quddiem qorti waħda jkun hemm konnessjoni ta' suġġett, jew, meta ddeċiżjoni ta' waħda tista' tolqot d-deċiżjoni tal-oħra jew tal-14 oħrajn, il-qorti tista' tordna li d-diversi kawżi jiġu mismugħin flimkien.'*
>
> *Illi, għalhekk l-artikolu sovraċitat jitkellem biss dwar smigħ fl-istess waqt taż-żewġ kawżi li jkun hemm dik ir-rabta bejniethom, fis-sens li l-kawża mressqa t-tieni fuq suġġett marbut ma' kawża mressqa qabilha tinstema flimkien ma' dik imressqa l-ewwel, taħt il-prinċipju tal-ius preventionis.*
>
> *Illi, s-soprasessjoni tista' b'mod eċċezzjonali tingħata meta tali smigħ fl-istess waqt taż-żewġ kawżi ma jkunx jista' jsir, iżda, billi hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali li kull kawża għandha tinstema sakemm tiġi maqtugħa. Dan il-punt kien ukoll abbraccat minn din l-Qorti diversament preseduta fil-kawża fl-ismijiet* ***Angelo Mallia et vs David Mallia et*** *fejn fil-kunsiderazzjonijiet*

*tagħha relatata mad-deċiżjoni datata nhar il- 31 ta' Mejju, 2004 qalet li:*

> *'Principju kardinali fil-procedura civili hu li kawza ghandha tinbeda u ghandha tinstemgha sa ma tinqata'. Il-provvediment ta' soprasessjoni hu mizura eccezzjonalissima billi tiffrena l-andament normali ta' kif kawzi ghandhom jimxu.'*

*Illi, fil-kawża fl-ismijiet* ***Sir Ugo Mifsud noe vs Guido Abela et.*** *(Kollez. Vol:XXIX.i.1295) deċiża nhar 28 ta` Ottubru 1935, il-Qorti tal-Appell saħqet lis-soprasessjoni trid tingħata dejjem taħt kundizzjonijiet li għandhom ikunu serji biżżejjed biex dan isir. Di fatti fil-kawża fl-ismijiet* ***Lawrence Cuschieri vs Onor. Prim Ministru et****: (Kollez. Vol: LXXVIII.i.171) deċiża nhar it-12 ta` Awwissu 1994 il-Prim' Awla Sede Kostituzzjonali ikkunsidrat eċċezzjoni tas-soprasessjoni, fis-sens li l-Qorti għandha tieqaf milli tkompli tisma' kawża bħala tali, fis-sistema proċedurali tagħna, m'hijiex kontemplata għaliex l-eċċezzjoni li l-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jikkontempla hija l-eċċezzjoni magħrufa bħala lis alibi pendens u din l-eċċezzjoni tipprospetta neċessarjament li jkun hemm żewġ kawżi għaddejjin fl-istess waqt pendenti quddiem il-Qrati li jkollhom l-istess mertu.*

*Illi, fil-kawża fl-ismijiet* ***Buġeja vs Żammit*** *(Kollez. Vol: XXXII.ii.197) deċiża nhar 23 ta` Jannar 1946, il-Prim` Awla qalet li l-Qrati jqisu s-soprasessjoni bħala provvediment mgħolli fid-dehen tal-Qorti li quddiemha titressaq talba bħal dik.*

*Illi, din l-Qorti tqis li provvediment bħal dan huwa meqjus bħala wieħed interlokutorju u, għalhekk, ma jorbotx lill-Qorti li tkun tatu' jekk tqum il-ħtieġa li tibdel il-fehma tagħha aktar 'il quddiem, jekk tintwera raġuni tajba biex tagħmel dan. Għalhekk ukoll, il-provvediment tas-soprasessjoni jitqies bħala pass mhux ordinarju li jissospendi s-smigħ ta' kawża, meta n-norma hija, kif ingħad, li kawża li tinbeda għandha tinstama' sa ma tinqata.*

> *Illi, fil-kawża fl-ismijiet* ***Valfracht Roro Line Limited Vs Dr. Louis Cassar Pulliċino noe*** *deċiża nhar 10 ta` April 2003, din il-Qorti diversament preseduta, ribadit bosta mill-ġurisprudenza sovraċitata u saħqet li għal bosta snin, il-Qrati tagħna sabu li ttwaqqif ta' smigħ ta' kawża biex tistenna l-eżitu ta' kawża oħra, li diġà tressqet jew sakemm titressaq waħda fuq punt eċċezzjonali, huwa rakkomandat biss fil-każ meta jkun hemm lok għas soluzzjoni ta' xi punt li minnu ta' bilfors tiddependi l-kawża li sejra titwaqqaf.*

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Magħruf dan l-insenjament, il-Qorti tqis issa illi r-rikorrent kien konxju sa minn Settembru 2023 li kien hemm konvenju bejn is-soċjetajiet LIDL u Scotts/Said u li kien a bażi tal-istess illi skatta u tkompla l-proċess li wassal għal dawn il-proċeduri *de quo*. Il-Qorti tqis ukoll illi l-fatt illi hemm disputa bejn is-soċjetajiet LIDL u Scotts/Said dwar il-konvenju ma jbiddel xejn, u sakemm ikun hemm determinazzjoni definittiva ta' dawk il-proċeduri mill-Qorti kompetenti, il-Qorti tqis illi hemm l-*istatus quo* li kien hemm meta ngħata bidu għall-proċess li wassal lill-partijiet hawnekk.

Il-Qorti tqis illi jista' jkun hemm argumenti oħra illi jkunu jimmeritaw diskussjoni jekk u fl-eventwalita' illi s-soċjetajiet LIDL ifallu f'dawk il-proċeduri quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, naxxenti minn potenzjal nuqqas ta' interess ġuridiku f'dawn l-odjerni proċeduri – iżda llum ċertament illi huwa prematur illi ssir tali diskussjoni u ċertament għalhekk illi l-Qorti tikkondividi s-sottomissjoni tas-soċjetajiet LIDL illi t-talba illum għas-soprasessjoni qed issir għal raġunijiet spekulattivi u/jew ipotetiċi. Jibqgħu mpreġudikati d-drittijiet tar-rikorrenti jekk u fl-eventwalita' illi tiskatta ċirkostanza li tista' twassal lir-rikorrent jeċepixxi n-nuqqas ta' interess ġuridiku tas-soċjetajiet LIDL fil-futur.

Safejn jinsabu l-affarijiet llum pero', il-Qorti tqis illi s-soċjetajiet LIDL għandhom l-istess interess ġuridiku illi kellhom meta skatta l-proċess, f'liema stadju ir-rikorrent b'ebda mod ma qajjem il-fatt illi ġja la darba fuq konvenju, is-soċjetajiet LIDL ma setgħux jiskattaw il-proċess għaliex kien hemm il-possibilita' illi l-konvenju jaqa'. Sakemm ma jkunx determinat

b'mod definittiv minn Qorti kompetenti illi l-konvenju ma baqax validu, irid jitqies illi, almenu għall-finijiet tal-odjerni proċeduri, għadu validu u konsegwentament libbes lis-soċjetajiet LIDL bl-istess interess ġuridiku illi kellhom fil-bidu ta' dan il-proċess lura fis-sena 2023.

**GĦALDAQSTANT**, il-Qorti wara li fliet l-atti u qieset ir-raġunijiet mressqa mir-rikorrent in sostenn tat-talba għas-soprasessjoni u r-raġunijiet mressqa mis-soċjetajiet LIDL għaċ-ċaħda tal-istess talba, qegħda, wara illi għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha,

1. **TIĊĦAD** it-talba għas-soprasessjoni bl-ispejjeż ta' din l-istanza a karigu tar-rikorrent noe.;

2. **TORDNA** l-prosegwiment tal-kawża billi tikkonferma s-seduta tad-9 ta' April 2025 fid-9:30a.m.;

3. **TIRREVOKA** *contrario imperio* d-digriet tagħha mogħti dakinhar tal-10 ta' Jannar 2025 waqt l-udjenza miżmuma u li bih issosspendiet kwalsiasi ġbir ta' provi ulterjuri tal-partijiet;

4. **TORDNA** illi filwaqt illi tiġi osservata l-ordni mogħtija mill-Qorti waqt is-seduta msemmija għall-preżentatata fir-reġistru ta' dokumenti b'nota sal-aħħar ta' Frar 2025, **TORDNA** ukoll illi fis-seduta tad-9 ta' April 2025, id-difensuri tas-soċjetajiet LIDL jiġu ppreparati b'xi provi fadal (dokumentali u xhiedha viva voce) illi jressqu in sostenn tal-proċeduri/appell *de quo* minnhom mressqa, sabiex dakinhar jitfassal programm ċar ta' gbir tal-provi bil-għan illi dawn il-proċeduri ma jitwalux inutilment.

Il-Qorti finalment tordna illi ssir il-komunika ta' dan id-diġriet lid-difensuri tal-partijiet anke b'mezzi elettroniċi.

**Digriet mogħti *in camera* llum 5 ta' Frar 2025.**

| | |
|---|---|
| **Ian Spiteri Bailey** | **Amanda Cassar** |
| **Onor. Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |